KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 55** **Tlieta 10 ta' Jannar 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
Anna Galea - Kunsillier

**PREŻENTI ONLAJN:**
George Borg - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Dott. Angele Rapa - Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**ASSENTI:**

**MISTIEDEN:** Daniel Galea - Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Rapa u Micallef. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Rapa u Micallef.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 54**
**REF: 37.4.14 Triq Durumblat**
Dwar L/576/2020/1 Acquisition of Land upgrading of Triq Durumblat Mosta, s-Sindku nforma li għad ma rċevejniex stima mil-Lands.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad hemm xi dokumenti li jridu jiġu mimlija b'figuri, dikjarazzjoni mil-accountant eċċ, kif wkoll għad jrid jiġi mħejji rapport ta' tlett snin.

Saret diskussjoni dwar jekk għandhiex nitolbu devoluzzjoni għal-ġonna l-oħra, fejn sar qbil li għall-ġonna l-oħra peress li t-talbiet ta' *no objections* huma ftit li xejn, mhux ser nipproċedu biex jkun hemm *bye-law* u għalhekk massirx *Devoluzzjoni.*

Il-membri preżenti qablu biex niffukaw fuq Devoluzzjoni għal ġnien l-Għarusa tal-Mosta, biex wara l-approvazzjoni tad-devoluzzjoni, l-Kunsill japplika biex jkun hemm *bye-law* fuq dan il-ġnien.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**
Rigward l-arbitraġġ Tal-Ġeneral Co. Ltd, is-Sindku nforma li kellem lil-Avukat tal-Kunsill biex jerġa jkellem lil-Avukat Tal-Ġeneral, għax għadhom ma ġewx b'kontra proposta, wara li l-Kunsill għamel offerta tiegħu ta' €215,000.

Rigward l-arbitraġġ PAMA, is-Sindku nforma li kellem lil Ministru Miriam Dalli biex tagħtina appuntament, biex niddiskutu l-possibbiltà li l-Ministeru jew Green Malta jidħlu għal dan il-proġett biex jitnaddaf il-ġibjun u jsir li hemm bżonn biex il-proġett jkun komplut.
Is-Sindku nforma li dan ix-xahar għandu jingħata laqgħa, fejn wara jressaq id-dettalji tal-laqgħa għad-diskussjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku żied jgħid li jekk l-Ministeru jew Green Malta ma jidħlux għal dan il-proġett, ser jkollna nibqgħu għaddejjin bl-arbitraġġ. Jekk min naħa tal-Ministeru jew Green Malta jaċċettaw li jidħlu għal dan il-proġett, il-Kunsill mbagħad jiddiskuti biex il-flus tal-PAMA jintużawx fi proġett ieħor.

Rigward interessi min Mejju 2019, li l-PAMA jista' jkun obbligat jħallas minħabba dewmien, l-Avukat tal-Kunsill jista' jagħmel it-talba, imma sta għal Imħallef jekk l-PAMA għandux jħallas l-interessi.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Is-Sindku nforma li reġa' kellem lil Infrastructure Malta (IM), u nformahom li l-Kunsill lest li jagħmel it-tibdil. Għalhekk il-proposti li saru mit-*Traffic Managment Committee* (TMC), biex it-traffiku ta' Fort *street* jibqa' ħiereġ lejn triq il-Kostituzzjoni, mhux min triq Sir Arthur Borton, ġew implimentati mingħajr approvazzjoni ta' Transport Malta (TM), imma dawn huma temporanjament.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li tabella tal-*one way* fi triq il-Fortizza nħarqet u hemm bżonn tinbidel.

Is-Sindku nforma li triq Difiża Ċivili ser tkun magħluqa bejn l-20 u 30 ta' Jannar 2023, bejn il-LIDL u l-bidu tar-*roundabout* tal-pont, u sa l-aħħar ta' Jannar t-triq ser tkun lesta sal-bidu tar-*roundabout.*

Is-Sindku nforma li kellu bosta kummenti pożittivi min residenti, dwar it-*traffic management* li saret temporanja ta' triq il-Fortizza, u għalhekk il-membri tal-Kunsill jridu jiddeċiedu jekk hux ħa titħalla kif inhi.

Fis 6:30pm daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Abela.

Is-Sindku ssuġġerixxa li jiltaqa' it-TMC fuq triq il-Fortizza, u trid tiġi studjata u konkluża Targa Gap u z-Zona Industrijali. Il-membri preżenti approvaw biex it-TMC japplika ma Transport Malta (TM), biex Targa Gap tingħaqad mal-porposta ta' *traffic management* li sar ta' triq il-Fortizza. Iz-Zoni Industrijali ma jaqgħux taħt ir-responsabiltà tal-Kunsilli Lokali skond ir-raba skeda ta' l-artiklu 33 tal-Local Councils ACT 363.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Sindku nforma li l-kuntrattur Ġovann ma qallux li mhux ser jibda x-xogħolijiet, u talbu biex jagħtih ċans minħabba problemi familjari. Il-Kunsillier Cassar nforma li huwa ċar li qed jħalli z-żmien jgħaddi biex ma jibdiex ix-xogħolijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser terġa tibgħat lil Ġovann biex jibda x-xogħolijiet.

Il-Kunsillier Bonnici talbet biex nitolbu lil-kuntrattur biex ta' l-inqas jibda sqaq San Anton Abbati u jgħatti l-ħofor li hemm.

Rigward l-44 toqba tal-pjazza, l-Kunsillier Cassar r-rimarka li ra lil-kuntrattur Elles Urban Services, flimkien mal-Perit tal-Kunsill u l-*handyman* tal-Kunsill, u ma jistax jifhem kif rnexxielhom jgħoddu u jieħdu r-ritratti meta l-parkeġġ kien mimli vetturi.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, biex tfakkar lil *handyman* tal-Kunsill, biex jibgħat rapport u ritratti.

**REF: 46.5.4 Ġnien Grognet de Vasse u Ġnien 15 t'Ottubru**
Is-Sindku nforma li fil-Ġnien 15 ta' Ottubru s-ssitema tad-dawl jidher li ilha snin ma taħdem għajr għall-parti biss ta' fuq li l-Kunsill kien ħa ħsieb li jirranġa. Għal parti sostanzjali tad-dawl li mhux qed taħdem qed nistennew kwotazzjonijiet, fejn s-Sindku nforma li ltaqa mal-*handyman* tal-Kunsill u ma Inġinier biex issir pjanta ta' kif ser jgħaddi d-dawl tal-ġnien b'lanqas tkissir possibli.

Fejn hemm l-parti tonda fil-parti ta' isfel tal-ġnien, fejn issuġġerejna li jsir bit-*turf*, ħa nġiebu kwotazzjonijiet biex il-parti tad-dawra ta' fuq jsir *handrail stainless steel* biex jkun hemm ilqugħ u ma jkunx ta' periklu minħabba li hemm dslivell sostanzjali.

**REF: 48.3.14 Kommunikazzjoni: Survey tal-Pjazza/Constitution/Main Str**
Is-Sindku nforma li s-*survey* sar, u jrid jiltaqa' t-*Traffic Management Committee* (TMC), biex dan is-*survey* jiġi studjat u naraw fejn ser jsir it-*timed parking.* Is-*survey* ikopri triq il-Kostituzzjoni kollha, il-parkeġġ u wara l-knisja, triq il-Kungress Ewkaristiku, u mil-Lord Nelson sa City Bar.
F'dawn iż-żoni qed ikun propost li jkunu bit-*timed parking*, fejn wara li jsir qbil fil-Kunsill ta' kemm ikun il-ħin u kemm ikun applikat, jittellgħu TMC u wara jingħaddu lil Transport Malta (TM), għall-approvazzjoni.

Is-Sindku nforma li ma dan is-*survey* talab kwotazzjoni addizzjonali, mil-pjazza tal-monti sa Cauchi, u min Cauchi sal-Lord Nelson jiġbor rekord tat-tappieri tal-bankini, toqob ta' l-armar, u l-*manholes,* biex minħabba li hemm il-proġett ta IM għaddej fil-pjazza u Triq Kostituzzjoni, fejn jinkisru l-bankini jkun hemm *survey* biex dawn wara jkunu jistgħu jerġgħu jsiru fejn kienu.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) nfurmat li l-impjegat Shaun Theuma Marshall għadu ma ħallasx il-pagament dovut u għalhekk issa nħarġitlu ittra legali, biex nevitaw li jkun hemm preskrizzjoni.

**REF: 49.03.14 Kommunikazzjoni: Ħmieġ fil-Housing Estate**
Is-Sindku nforma li sar ħafna mit-tindif, u fadal madwar jumejn xogħol.

**REF: 49.3.15 Kommunikazzjoni: Proġett ta' Junctions Vjal Indipendenza/Triq il-Kbira**
Is-Sindku nforma li l-ewwel *junction* tar-*roundabout* hija lesta, però int u ħiereġ mil Blata l-Għolja peress li hemm terrapien fuq in-naħa tal-lemin, ma hemmx viżibilta biex tara min hu ġej min naħa ta' San Silvestru fi Tiq l-Indipendenza. Hemm parti sostanzjali li testendi l-barra mill-*Building Alignment,* u Infrastructure Malta (IM) applikaw għal esproprjazzjoni biex jiffurmaw it-triq u l-bankina mal-*building line.* Dwar it-tieni *roundabout* ta' fejn Ventur, li tiġi fil-ħruġ ta Antonio Miruzzi għal *Indipendenza* IM qed jikkunsidraw li jimplimentawha meta din l-espropjazzjoni tkun lesta.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Is-Sindku nforma li għad jrid jibgħat l-pjanti ta' triq il-Fortizza u ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u s-Segretarju Eżekuttiv fakkret li kellna nagħtu risposta sal-Ġimgħa 9 ta' Diċembru.
Dwar lokalitajiet oħra ta' Bring-In-Sites, is-Sindku nforma li kien hemm residenti li talbu li jkun hemm *set* fil-Housing Estate.

**REF: 50.3.8 Summer Breaks min Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni.**
Is-Sindku nforma li għad ma rċevejniex risposta il-MTA dwar iz-zoni turistiċi, u bagħat tfakkira.

**REF: 50.3.10 Agreement RS2**
Is-Sindku fakkar lil-Kunsilliera Cassar u Bonnici biex jibgħatu l-idejat, u stieden wkoll lil-membri l-oħra tal-Kunsill biex jibgħatu wkoll l-idejat tagħhom.

**REF: 50.4.8 MOU Outdoor Gym**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-MoU, mal-Kulleġġ Maria Reġina ġie ffirmat nhar id-19 ta' Diċembru 2022. Il-Kunsillier Borg qed jattendi għal-laqgħat dwar il-possibilità li wara l-ħin ta' l-iskejjel il-parkeġġ jkun disponibbli għal-pubbliku.

**REF: 50.5.6 – Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li tkellem ma l-Inġinier Ronnie Bezzina u talbu BOQ dettaljat u d-disinn finali. Ser jkun hemm laqgħa mal-*light designer* Frank Frangou li ser jkun Malta bejn l-24 u 29 ta' Jannar 2023.

Is-Sindku nforma wkoll li ġibet l-attenzjoni lil Inġinier Bezzina, fejn il *wire* ta' l-internet ma kienx mgħoddi sew min taħt l-art, u niżlu biss pulzier minn wiċċ il-bankina fejn dan ġie mgħoddi min ġol-fili tal-pavimentar, u għalhekk informah li issa li l-pjazza ser tinqala, huma responsabbli li issa dan ix-xogħol isir kif suppost. Apparti x'ħin jibdew ix-xogħolijiet tal-pjazza ix-xogħol jrid jerġa jsir, u għalhekk talbu pjanta tar-rotta kif inhu mgħoddi dan il-*wire* biex mhux wara jeħel l-Kunsill jew IM li ntlaqat xi *wire*, għax dawn suppost saru pied l-isfel ġo *conduit* u mhux fil-wiċċ.

**REF: 52.3.4 Regjun Tramuntana Libraries Assistance Scheme 2022-3**
Il-Kunsillier Borg nforma li tkellem mal-librerija reġjonali fejn informahom li l-*photocopier* mhux viabbli, u aċċettaw li minflok jsir xkaffar bħal ma diġà hemm.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma hemmx risposta mil-ERA dwar is-siti proposti mil-Kunsill, u fakkret li dawn huma, LIDL, ġibjun ta' Mlit u fil-parkeġġ ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 52.4.1 Edukazzjoni u Ambjent**
Il-Kunsillier Borg nforma li l-kwotazzjonijiet li tawhom Ambjent Malta biex jsiru t-toqob kienu għaljin, u għalhekk ser jerġgħu joħorġu l-kwotazzjonijiet bi *specs* differenti. Iż-żewġ proġetti tal-iskejjel għandhom jkunu lesti sas-sajf.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni għal-proġetti fil-kommunitajiet 2023 mil-LESA ġiet aċċettata, u s-Sindku kien mistieden għat-tħabbir ta' proġetti magħżula nhar il 5 ta' Jannar 2023.

**REF: 52.5.5 Mosta Bridge Lighting – Above**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni għal-proġetti fil-kommunitajiet 2023 mil-LESA ġiet aċċettata, u s-Sindku kien mistieden għat-tħabbir ta' proġetti magħżula nhar il 5 ta' Jannar 2023.

Is-Sindku nforma li dan il-proġett ser jsir b'konsultazzjoni ma l-ERA, kif wkoll ltaqa ma l-Inġiniera Galea Curmi, minħabba li għaddej ix-xogħol ta' Infrastructure Malta (IM) fejn IM ser jagħmlu r-*roundabout* u anke t-triq ta' fuq il-pont. Is-Sindku tkellem ma IM u nformahom bil-proġett tad-dawl ta' fuq il-pont, u talbu lis-Sindku biex jipprovdi pjanta tas-*civil works,* biex jkunu jistgħu jlestu *Civil Works* għal-*wiring.* Ntalab ukoll *survey* iddettaljat biex id-dwal jsiru fil-pilastri fil-ħajt. Is-Sindku nforma li s-*survey* tal pont intalab. Dan is-*survey* għandu jestendi mir-roundabout ta' qabel il-pont, fuq il-pont u t-triq li twaslek biex tikser għal Qalbiena Mostin. F'din it-triq iżomm magħqad kbir tal-ilma u ta min jitlob biex din ilproplema tiġi ndirizzata anke ħabba l-fatt li l-wied qed biswit it-triq u Ġnien Ragusa għandu wkoll entratura minn din it-triq.

IM staqsew kif il-Kunsill jixtieq li ssir il-bankina ta' mal-pont, fejn is-Sindku spjega li jekk jaqbel il-Kunsill tista' ssir strixxa *landscaping* mat-tarf tal-bankina, biex tifred fejn qed jimxu n-nies min mal-vetturi. Is-Sindku staqsa jekk il-membri preżenti jaqblux ma din l-ideja u staqsa lil-Kunsillier Cassar jekk l-istrixxa *landscaping* ittellifx lil l-iscouts waqt l-*abseiling.* Il-Kunsillier Cassar nforma li le, għax huma jorbtu mal-*crash barrier*, u talab biex issir *electrical point* mal-meter tad-dawl li għad jrid jsir biex jitqabbad id-dawl tal-pont, biex jiġi evitat li tingħalaq parti mit-triq meta jinġieb ġeneratur.

Fis 7:20pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal *item* 55.5.4 Financial Statements 2021.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet lil-avukat tad-DLG bil-prezzijiet riveduti tal bye-law u staqsiet jekk il-multi għandhomx jinbidlu wkoll. Artiklu 36 jgħid hekk, u allura ser issir emenda fejn jidħlu l-kontravenzjonijiet;

> **'36.**(1)Ħlief kif provdut b'xi liġi oħra, persuna li tikser *bye-law* tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u teħel piena ta' ammenda ta' mhux iżjed minn sebgħin euro (€70) u, fil-każ ta' reat kontinwat, ammenda oħra ta' mhux iżjed minn ħmistax-il euro (€15) għal kull jum li matulu jkompli r-reat wara li tinsab ħatja:'

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fadal li tagħmel emenda tat-test tal-abbozz legali, bil-Malti u bl'Ingliż, fejn wara jintbagħtu għal-approvazzjoni lid-DLG.

**REF: 53.3.2 Bicycle Racks**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret li ntbagħtet l-*feedback* dwar il-*locations*, biex it-Traffic Management Committee (TMC), jikkonferma s-siti mniżżlin fuq l-*excel sheet* li ġiet ippreparata mis-Segretarju Eżekuttiv, però għada bla risposta.

**REF: 53.5.6 Infrastructure Malta Road Works 2023-2025**
Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma Infrastructure Malta (IM), fejn kull triq li l-Kunsill issuġġerixxa ma hemmx *issue* fuqha, imma jista' jkun li jinbidlu xi dati meta ser jsiru uħud mit-toroq imma IM ħa jinfurmawna bil-miktub. Eżempju huwa Triq Camillo Sciberras fejn il-Kunsill mpropona li ssir din is-sena pero għad ma hemmx 80% ta' triq żviluppata. Din kienet waħda mill-kriterji biex IM ikunu jistgħu jagħmlu triq residenzjali ġdida.

**REF: 53.5.7 Update Traffic Management Plan**
Minħabba *safety* tul triq il-Kbira, is-Sindku nforma li lis-*sleeping police* ġew determinati u saru, u fejn saru r-residenti aċċettaw. Dawn kienu urġenti li jsiru fuq talba tar-residenti stess. Issa napplikaw ma Transport Malta (TM).

**REF: 54.3.3 Meeting - Environment Funds (ERA)**
Is-Sindku nforma li l-fond ambjentali qiegħed hemm u m'għandux terminu ta' skadenza. Bħala Kunsill irridu naħsbu x'jista' jsir bħala proġett biex nibdew nużaw dan il-fond.

**REF: 54.3.6 Tender ta' Skart Reġjonali**
Is-Sindku nforma li r-rata tat-tender hija €5,150 kull ġabra. Hemm 6 ġabriet fil-ġimgħa, u 26 ġabra ħġieġ fis-sena, li jammontaw għal €338,000 fis-sena, li bejn wieħed hu ieħor l-ispiża għal ġbir ġewwa l-Mosta hija ta' 20% li ssarraf f'madwar €350,000 fis-sena. Il-Kunsill kien ivvota baġit għal-ġbir ta' skart ta' €420,000 fis-sena.

Is-Sindku nforma li bosta Kunsilli talbu ġabra addizzjonali fil-ġimgħa għal-kartun, liema ġabra tiswa' wkoll €5,150 kull ġabra, jew €267,800 fis-sena. Il-kuntrattur aċċetta li jagħmel din il-Gabra bl-istess prezz, però r-reġjun jrid jressaqha għal-approvazzjoni tad-DLG. Is-Sindku żied jgħid li jekk jkun hemm din il-ġabra addizzjonali, l-ammont li tiswa' lill-Kunsill Lokali tal-Mosta jkun l-istess ta' madwar 20% li tiġi madwar €53,000 fis-sena.

Il-membri preżenti approvaw li ninfurmaw lir-Reġjun Tramuntana, li l-Kunsill lest jidħol għal-ispiża ta' din il- ġabra addizzjonali tal-kartun jekk ir-Reġjun iġib dawk l-approvazzjonijiet kollha neċessarji.

**REF: 54.4.4 UPDATE HARĠIET**
Il-Kunsillier Deguara nforma li għal-festin tal-Milied għal-anzjani lesta r-rapport u daħħalna €410 mil-biljetti, jiġifieri qisu ġbarna nofs l-ispejjeż. Fadal żewġ kaxxi gallettini, u dan ħallihom lil-istaff tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Deguara fakkar li l-ħarġa li jmiss ħa tkun żjara l-Parlament, u għat 23 ta' Frar il-ħarġa ħa tkun żjara l-arkivji nazzjonali r-Rabat.

**REF: 54.5.6 KLMT 02-2022 Tender for the Provision of Security Services at Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender qed jkun f'finalizzat wara reviżjoni mid-DLG.

Fuq nota differenti imma dwar il-ġnien l-Għarusa tal-Mosta, s-Sindku nforma li rġajna għalaqna l-kanċell tax-xelter nukleari, din id-darba mhux b'katnazz, imma rġajna wweldjana l-kanċell bil-ħadid. Gew magħluqa it-tlett entraturi għal dan ix-xelter nukleari u mhux wieħed biss.

**REF: 54.5.7 KLMT 03-2022 Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jrid jsir l-evalwazzjoni mil-bord.

**REF: 54.5.8 KLMT 04-2022 Light Bollards fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li biex ma nitilfux il-fondi, dan il-proġett jrid jkun lest sa Mejju 2023, u diġà qegħdin tard ħafna. Is-Sindku nforma li llum ltaqa ma' l-Inġinier biex jsibilna xi mudell tal-lampi aħjar, u kif kien miftiehem li jkunu durabbli għal-kontra l-vandaliżmu.

**REF: 54.5.9 KLMT 05-2022 Provision of Insurance Services – Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-dokument tat-tender qed jiġi f'finalizzat, fadal konferma mil-Kunsillier Camilleri biex jikkonferma l-lista ta' avvenimenti ta' l-2023, u lil-Accountant biex jikkonferma il-lista ta' l-assi jekk żdiedux jew naqsux.

**REF: 54.5.10 KLMT-06-2022 Street Sweeping Services In The Locality Of Mosta, Using Environmentally Friendly Service Vehicle**
Fl-aħħar laqgħa s-Sindku kien spjega li f'waħda mill-laqgħat li attenda fir-Reġjun fejn attnda anke d-direttur tal-Cleansing u anke l-Ministru tat-Turiżmu, intqal li sa Marzu/April 2023, il-Cleansing Division ser jimpjegaw bosta nies, u ħa jkunu jistgħu joffru servizz tal-knis b'rati ridotti, u ssuġġerew li min għandu kuntratt li ser jagħlaq dalwaqt, u jixtieq servizz tal-Cleansing Division, jestendu l-kuntratt bi ftit xhur sakemm il-Cleansing Division tibda bis-servizz tal-knis. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil-kuntrattur tal-knis dwar l-estensjoni tal-kuntratt.

**REF: 54.5.11 KLMT 01-2023 Upkeep & Maintenance of Parks, Gardens, & Soft Areas using Environmentally Friendly Products and Practices.**
Il-membri preżenti unanimament qablu li l-kuntratt l-ġdid tal-Parks and Gardens ma jkunx jinkludi ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 54.5.14 Permessi Scaffoldings**
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Kunsillier Cassar ser jippruvaw jsibu l-imejl tad-DLG fejn talbuna nirrifondu €400, u l-Kunsill jiddeċiedi darba oħra rigward ħlasijiet ta' *scaffolding.*

**REF: 54.5.15 Measure 4.3 Update Proġett San Pawl tal-Qlejja (Wied tal-Qlejja)**
Is-Sindku nforma li nbiddlu l-pjanti u l-Perit tal-Kunsill daħħal l-applikazzjoni lil-Awtorità ta' l-Ippjanar. Kellna laqgħa ma l-SEM fejn ħa ssir BOQ ġdida u reviżjoni ta' l-applikazzjoni fejn ser

issir *change request*, biex mbagħad l-SEM jkunu jistgħu jgħidulna jekk il-bidliet jikkwalifikawx għal fondi.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 54.

**55.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**55.3.1 Laqgħa Pubblika mal-Entitajiet Kummerċjali u Residenti**

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mas-CEO ta' Infrastructure Malta (IM) fil-preżenza ta' uffiċjali oħra ta' IM, Raphael Axiaq u Noel Vella, u Paul Abela li jirrappreżenta n-negozji tal-GRTU, fejn qablu li għal laqgħa pubblika jkun hemm rappreżentanti min IM u l-GRTU.
Is-Sindku nforma li lkoll qablu li l-laqgħa ta' Konsultazzjoni lir-residenti, għaqdiet u negozji ser issir is-Sibt 21 ta' Jannar fis-13.00 ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, fejn din il-laqgħa ser tkun trażmessa onlajn u rrekordjata.

Il-laqgħa ħa tkun maqsuma fi tnejn, fejn l-ewwel parti issir preżentazzjoni bil-pjanti tax-xogħolijiet li saru mit-Traffic Management Committee b'approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn jiġu spjegati mill-Perit u mis-Sindku. It-tieni parti tal-laqgħa ħa tkun fija informazzjoni dwar ix-xogħolijiet u kif ser jkun effettwat it-traffiku. Hawn jispjega l-perit ta' IM. IM nformaw li biex jkollhom kontroll tax-xogħlijiet fuq il-kuntratt tagħhom, mod speċjalment fejn jidħlu penali, ħa jsiru żewġ kuntratti mal-kuntratturi li ser jaħdmu, u għalhekk IM talbu biex il-Kunsill jagħżel il-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħlijiet tal-Kunsill u jipprovdi BOQ, biex dawn ngħadduhom lil IM, ħalli IM jagħmlu kuntratt ta' xogħolijiet mall-kuntrattur magħżul mil-Kunsill. Saret diskussjoni u s-Sindku kompla jispjega li l-kuntrattur ikun magħżul mil-Kunsill, u bħala ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet ser ssir mil-Perit tal-Kunsill. Il-ħlas il-Kunsill jgħaddih lil IM u IM jħallsu lil kuntrattur magħżul mill-Kunsill.

Is-Sindku ssuġġerixxa li nqabbdu l-Perit ta' lis-*slow streets*, għad disinn viżwal tal-bankini, peress li diġà ħadem fuq il-pjazza fejn il-Perit Zammit ikun mitlub ukoll jattendi l-laqgħa tal-21 ta' Jannar u jispjega wkoll lill-pubbliku l-kunċett ta' Slowstreets li hu ħadem fuqu fejn kien anke provda document komput lill-Kunsill fi Frar 2021.

Fit-8:40pm il-Kunsillier Zerafa talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

Il-membri preżenti unanimament qablu li jitqabbad l-Perit li għamel ir-rapport ta' *Slow Streets*, il-Perit Antoine Zammit bħala l-perit minn naħa tal-Kunsill fuq il-proġett tal-pjazza.

Is-Sindku ippropona li l-metodu ta' konsultazzjoni għal laqgħa pubblika, issir b'dan il-mod;

- Jintbagħatu ittri bil-Posta lir-residenti u n-negozji fil-Mosta kollha;
- Jsiru avviżi fil-gazzetti lokali u fuq Facebook tal-*Kunsill Lokali tal-Mosta*;

Fit-8:50pm il-membri preżenti qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied sas-9:30pm.

Waqt din il-laqgħa li ser issir fil-21 ta' Jannar, ser jkun hemm spjegazzjoni u preżentazzjoni minn:

- Il-Perit Antoine Zammit – *Slowstreets*;
- Is-Sindku l-Perit Chris Grech;
- Il-Perit ta' Infrastructure Malta;

- Uffiċjali ta’ Transport Malta – Transport Pubbliku;
- Sur Paul Abela- GRTU *in* rappreżentanza tan-Negozji fil-Mosta (SME’s);
- Il-President tar-Reġjun Tramuntana;
- Diskussjoni u mistoqsijiet mill-Pubbliku;

L-esebizzjoni tal-pjanti relatati mall-proġett inkluż Traffic Management propost ser jkunu esposti ċ-Ċentru Ċiviku mit-8am sal-4pm kulljum inkluż Ħdud u festi sas-Sibt 11 ta’ Frar 11am.

Suġġerimenti mill-pubbliku jintlaqgħu sa mhux aktar tard mil 11am, tal-11 ta’ Frar 2023 liema suġġerimenti jridu jiġu mibgħuta lill-Kunsill Lokali Mosta b’dan il-mod BISS:

- b’email lil Kunsill fuq : konsultazzjonimosta@gmail.com
- b’ittra li titwaddab fil-kaxxa magħluqa li ser ikun hemm fir-*reception* tal-Kunsill;

L-ebda konsultazzjoni mhu ser issir fuq midja soċjali u l’ebda kumment fuq midja soċjali m’hu ser jiġi kunsidrat bħala validu jew ser jkun parti minn din il-Konsultazzjoni.

Biex suġġeriment jkun validu, kull imejl jew ittra, trid tkun min residenti u jew operatur kummerċjali fil-Mosta. Kull sottomissjoni jrid ikollha isem u kunjom u l-karta ta’ l-Identità ta’ min qed jibgħat l-email jew l-ittra. Dawk l-imejls jew ittri li ma jkollhomx isem, kunjom u numru tal-karta ta’ l-Identità valida tal-persuna li qed tibgħat is-suġġeriment, ser jitqiesu bħala INVALIDI.

Ser jiġi provdut link għar-*recording* tal-laqgħa tal-21 ta’Jannar 2023 ħalli min tilef il-laqgħa jkun jista’ jsegwi x’intqal.

Nhar is-Sibt 11 ta’ Frar 2023 fil-11 ta’ filgħodu il-kaxxa tingħalaq u l-imejls li jidħlu wara dan il-ħin ma jkunux validi; Il-*password* tal-email iżżommu s-Segretarju Eżekuttiv BISS u l-imejls jinfetħu BISS fil-11 ta’ Frar fil-11am. Is-Sibt jittieħed rendikont ta’ kemm il-emejl u kemm il-ittra jkunu ġew sottomessi lill-Kunsill. Imbagħad it-Tnejn 13 ta Frar, jittieħed rendikont ta’ kemm il-imejl hemm VALIDA u kemm il-ittra hemm VALIDA u jinħareġ rendikont mill-uffiċċju tal-Kunsill. Wara dawn is-suġġerimenti kollha validi, jiġu mgħoddija lit-Traffic Management Committee għall-evalwazzjoni.

It-Traffic Management Committee jkollu ċans sas-6 ta’ Marzu 2023 sabiex jevalwa dawn it-talbiet, u jekk hemm bżonn jagħmel reviżjoni f’xi pjanti/*Traffic Management* dan isir. Wara it-Traffic Management Committee jippreżenta il-pjan finali f’laqgħa tal-Kunsill speċifikament b’din l-Aġenda;

- Rendikont ta’ x’daħal fil-Konsultazzjoni;
- X’reviżjonijiet il-Kumitat ikun għamel wara dawn il-Konsultazzjonijiet;

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti li l-ħin tal-laqgħa ser jiskadi.

Fil-laqgħa tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu irid ikun fuq l-Aġenda r-rendikont tat-Traffic Management Committee. Jekk fil-laqgħa tas-7 ta’ Marzu ma jkunx hemm ħin biżżejjed, għall-Aġenda kollha, issir kontinwazzjoni tal-laqgħa ġimgħa wara, f’ Marzu stess. Wara li jiġi diskuss ir-rendikont preżentat mit-Traffic Management Committee, il-Kunsill irid jieħu l-aħħar deċiżjoni fil-laqgħa ta’ Marzu, liema deċiżjoni tal-Kunsill tiġi kkomunikata lill Infrastructure Malta (IM) u lill

Transport Malta (TM) biex jitkompla l-proċess. B'hekk il-Konsultazzjoni tiġi meqjusa bħala FINALI wara din id-data.

Fid-9:25pm il-membri preżenti qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied sas-10:00pm, u saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu l-*items* 55.5.3 Appraisals, u 55.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni.

**55.3.2 Skema Cir SPI/SCI/11/2022 - Life Long Learning Courses**
Il-Kunsillier Borg nforma li l-applikazzjoni ntbagħtet.

**55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**55.4.1 Monti**
Il-Kunsillier Gatt staqsa dwar il-problemi li qed jiffaċċjaw ir-residenti meta jarmaw il-monti. Is-Sindku nforma li għandu laqgħa mar-rappreżentanti tal-monti għaliex qed jipprova li jispustja l-monti għal Triq Avertan Fenech b'mod permanenti. F'din it-triq hemm ħafna u ħafna anqas residenti u allura l-inkonvenza tkun ħafna anqas.

**55.4.2 Loading/Unloading Bays**
Il-Kunsillier Deguara staqsa taħt min jaqaw il-*loading/unloading bays,* fejn ġie rispost li dawn ikunu diskuss mit-*Traffic Management Committee* u wara mibgħutha lil Transport Malta għal kunsiderazzjoni tagħhom.

**55.4.3 Triq Ponsomby**
Il-Kunsillier Deguara ssuġġerixxa biex l-aħħar parti ta' triq Ponsomby iddur, fejn is-Sindku nforma li din ħa tkun parti mil-konsultazzjoni.

**55.4.4 Karnival**
Il-Kunsillier Camilleri staqsa lil-membri preżenti jekk din is-sena hux ser nagħmlu attività tal-karnival. Il-membri preżenti qablu li bħas-sena l-oħra jsir attività fuq tlett ijiem tal-karnival mill-Kunsill u l-membri approvaw baġit ta' mhux aktar min €10,000.

**55.4.5 Fondazzjoni Jerome**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ltaqet mal-fondazzjoni Jerome, fejn ser jtellgħu attività ta' esibizzjoni ta' arti r-Razzett tal-Marquis, u jixtiequ li din l-attività ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u l-Kunsillier Bonnici ssuġġeriet li l-Kunsill jorganizza din l-attivata mal-fondazzjoni Jerome.
Il-membri preżenti approvaw baġit ta' €500.

**55.5 Rapporti**

**55.5.1 Update - Development Funds as at 09.01.2023**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li rċevejna l-lista mil-Jobsplus, ħadd ma applika u għalhekk issa rridu noħorġu sejħa pubblika.

**55.5.3 Appraisals**
Il-membri preżenti approvaw il-*performance bonus* ta' 6% għal-impjegati Sa. Ebejer, Sa. Calleja, Sur. Debono, Sa. Polidano, Sa. Galea, Sa. Zammit Tabone, Sa. Micallef Camilleri. Kif wkoll 6%

lis-Sa. Abela (Animal Welfare Officer) u s-Sur Matthew Spiteri (CIES). Filwaqt li 3% għas-Sur Theuma Marshall. Is-Sindku għad irid jikkonkludi l-appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv.

**55.5.4 Financial Statements 2021**
L-accountant tal-Kunsill is-Sur Galea nforma li rċevejna l-*audited adjustments* 2021 mingħand l-awdituri, u dawn issa jridu jiġu approvati u għalhekk qed jittellgħu għal-laqgħa ta' llum. Dawn huma l-Financial Statements ta' wara l-*audit* li baqgħu l-istess ta' kif kienu ġew preżentati f'Mejju 2021. Dawn ġew approvati mil-awdituri u kien hemm deficit ta' €23,186, bħala tfaddil sa Diċembru 2021 il-Kunsill faddal €945,000.

Il-membri preżenti approvaw il-Financial Statements 2021.

**55.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**55.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 135.

**55.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**55.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**55.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Diċembru 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**55.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa intemmet fl-10:00pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-7 ta' Frar 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 10 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |